

2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv; liema huma dawk ir-rekwiżiti l-oħra li, skont il-każ, għandhom jaapplikaw skont id-Direttiva 2000/78/KE, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 21 tal-Karta, sabiex tiġi ġġustifikata tali differenza fit-trattament abbażi tar-reliġjon?

(<sup>1</sup>) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 5, Vol. 4, p. 79

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Nejvysshí správní soud (ir-Repubblika Ċeka)  
fl-20 ta' Ottubru 2022 – RK vs Ministerstvo zdravotnictví**

**(Kawża C-659/22)**

(2023/C 15/31)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

**Qorti tar-rinviju**

Nejvysshí správní soud

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: RK

Konvenut: Ministerstvo zdravotnictví

**Domanda preliminari**

Il-verifika tal-validità taċ-ċertifikati COVID-19 interoperabbi tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa konformement mar-Regolament (UE) 2021/953 (<sup>1</sup>) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbi tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment libru waqt il-pandemja tal-COVID-19, applikata mir-Repubblika Ċeka għal skopijiet nazzjonali, fl-applikazzjoni nazzjonali “čTečka”, tista’ titqies li hija pproċessar ta’ data personali b’mezzi awtomatizzati fis-sens tal-punt 2 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/679 (<sup>2</sup>) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiż-żi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali u dwar il-moviment libru ta’ tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) fejn għalhekk dan l-agħi jaqa’ taħt il-kamp ta’ applikazzjoni *ratione materiae* tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data konformement mal-Artikolu 2(1) ta’ dan ir-regolament?

(<sup>1</sup>) ĠU 2021, L 211, p. 1, rettiffika fil-ĠU 2022, L 72, p. 7

(<sup>2</sup>) ĠU 2016, L 119, p. 1, rettiffika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2

**Rikors ippreżentat fl-10 ta’ Novembru 2022 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika ta’ Malta**

**(Kawża C-694/22)**

(2023/C 15/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Björkland, K. Mifsud-Bonnici, R. Valletta Mallia, aġenti)

Konvenut: Ir-Repubblika ta’ Malta